MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 363/2017 LM

**Alexei Zammit Douglas (K.I. nru. 557175(M))**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Veneranda Agius (K.I. nru. 347049(M))**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Alexei Zammit Douglas (K.I. nru. 557175(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fil-31 ta' Jannar, 2022, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimata **Veneranda Agius (K.I. nru. 347049(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-appellata u ċaħdet it-talbiet tal-appellant, filwaqt li kull parti kellha tbati l-ispejjeż tagħha.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw diversi kummenti li kitbet l-appellata fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-fondazzjoni *Father's Rights Movement Malta* fis-sena 2017, li l-appellant qiegħed jikkontendi huma libellużi fil-konfront tiegħu, billi jikkontjenu allegazzjonijiet foloz li għandhom bħala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu. Għandu jiġi spjegat li l-imsemmi appellant huwa l-fundatur tal-imsemmija fondazzjoni, u jamministra wkoll l-paġna tagħha fuq *Facebook.* Xi snin qabel, għall-ħabta tas-sena 2009 huwa kien daħal f'relazzjoni mat-tifla tal-appellata, Lauraine Agius, u mill-istess relazzjoni fl-2012 kien twieled tifel Edison. Madankollu r-relazzjoni spiċċat sentejn wara għall-ħabta ta' Marzu tal-2014, u sussegwentement ġew intavolati diversi proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar il-kura, il-kustodja u l-aċċess tal-minuri.

## Mertu

3. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fid-19 ta' Diċembru, 2017 fejn ħarrek lill-appellata sabiex tgħid għaliex m'għandiex tiġi kkundannata minn dik il-Qorti sabiex:

*"1) Prevja d-dikjarazzjoni li l-*Facebook posts *tal-intimata ppublikati fuq il-Facebook Page tar-rikorrenti bl-isem "*Father's Rights Movement Malta" *(annessi bħala DOK A) huma libelluži fil-konfront tiegħu billi jikkontjenu allegazzjonijiet foloz li għandhom bħala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tiegħu; u*

*2) Jħallsu lir-rikorrenti dik s-somma li tistabilixxi din il-Qorti bħala danni morali a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 (Liġi Dwar l-Istampa);*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta in subizzjoni".*

4. L-appellata eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi* in primis *l-attur għandu jindika b'mod preċiż liema brani jqis bħala malafamanti fil-konfront tiegħu.*

*2. Illi f'kull każ l-attur ma jissemmiex b'ismu fil-*Facebook posts *in kwistjoni, ma huwiex personalment identifikabbli, u għalhekk ma ġie allegat xejn fil-konfront tiegħu.*

*3. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-*Facebook posts *ma sarux b'malizzja u ma għandhomx bħala skop li jinġurjaw, ittellfu il-gieħ jew inaqsu r-reputazzjoni tal-ebda individwu partikolari, wisq anqas tal-attur.*

*4. Illi konsegwentement l-imsemmija* Facebook posts *ma jakkordaw l-ebda aġir diżreputabbli jew ta' ħsara, u għalhekk ma jistgħu qatt jitqiesu bħala malafamanti fil-konfront tal-attur.*

*5. Illi, f'kull każ ukoll, il-*Facebook posts *jikkostitwixxu* fair comment.

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tal-*fair comment**

*26. Waħda mid-difiżi tal-intimata, sewwasew il-ħames eċċezzjoni tagħha, hija dik illi:* "il-facebook posts jikkostitwixxu fair comment".

27. *Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:*

    "The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"

28. *Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:*

    "To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word." *(fn. 46 gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11t6h ed., pagna 336)*

29. *Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment *skont Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna (fn. 47 Ara perezempju* ***Dr. Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius*** *(Rif Nru 946/1997 JRM deċiża fit 30 ta' April 2015) huma s-segwenti:*

    *1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;*

    *2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;*

    *3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew diżonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;*

    *4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u*

    *5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

    *6. Il-kummenti jridu jkunu msejsa fuq materja ta' interess pubbliku, suġġett illi jkun ġie espost lill-pubbliku għall-ġudizzju tiegħu jew inkella kwistjoni illi tkun ta'* "legitimate concern" *għall-pubbliku.*

30. *Mingħajr ma tidħol fuq il-kriterji l-oħra l-Qorti mill-ewwel tissenjala illi din id-difiża ma tista' qatt treġi f'din il-kawża u dan proprju għaliex bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jitqies illi l-fatti allegati huma materja ta' interess pubbliku. Anzi, l-Qorti tmur oltre u tirrimarka illi l-kummenti mertu ta' din il-kawża ma kellhom qatt joħorġu fid-dominju pubbliku u li l-persuni involuti fid-disseminazzjoni tagħhom kienu qed jonxru l-ħwejjeġ maħmuġa tagħhom barra mingħajr ebda bżonn.*

***Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tan-nuqqas t'identità tal-malafamat***

31. *It-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimata hija dik illi: "*l-attur ma jissemmiex b' ismu fil-Facebook posts in kwistjoni, ma huwiex personalment identifikabbli, u għalhekk ma ġie allegat xejn fil-konfront tiegħu."

32. *Fil-ktieb tagħhom "Publishing Law" (fn 48 Jones, H., & Benson, C, (2011).* Publishing Law, *Taylor & Francis), l-awturi Ingliżi Jones & Benson jgħidu hekk fuq din il-materja:*

    "Once you have established that a statement is defamatory, a claimant must still prove that he or she, personally, is identifiable as the target before he or she can succeed in a defamation action. The words must not only be defamatory, and be published, but they must also be published "of the claimant", that is, the finger must point at him or her. Put another way, the words complained of must be

capable of being understood by reasonable people to refer to the claimant, so that those who know him or her would think that they were the person referred to. It is not necessary that you should actually be named. If you are well known as the head of a particular publishing house, or the leader of a religious cult, or even the headteacher of a school, then you may be sufficiently identifiable to have an action for defamation - on the grounds that you were known to be responsible at the time, or must at least have known what was going on.*"*

33. *Dwar l-element tal-identifikazzjoni tas-soġġett tal-pubblikazzjoni hemm diversi sentenzi fosthom is-sentenza fl-ismijiet* ***George Buttigieg v. Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre*** *(Appell Inferjuri Nru. 199/2011/1 LM, deċiża 12.06.2020) fejn il-Qorti qalet hekk:*

"Din il-Qorti tissenjala li l-ġurisprudenza tal-Qrati tgħallimna li fejn qed tiġi attribwita l-malafama, l-intenzjoni tal-kittieb ma tibqax relevanti u għandu jiġi mistħarreġ jekk il-qarrej ordinarju, b'mod naturali u mingħajr proċessi diffiċli jistax jasal biex jidentifika l-persuna soġġett tal-kitba u dan sa ċertu grad ta' ċertezza (fn. 49 **Dr. Mario Vella et pro et vs Dione Borg et**, 28.01.2005, Q.Civ.P.A cit. Nru. 1747/2000GV, **Joseph Borg vs Peter Bartolo,** 16.10.02; Q.Civ. PA, cit nru. 3385/1996DS, **Emanuel L. Micallef vs Victor Camilleri Editur tal-gurnal "Il Mument et'**, 11.10.02, Q.Civ.P.A. cit. Nru. 3385/1996, **George Xuereb et vs Alfred Briffa bħala Editur tal-Gazzetta it-Torċa,** 13.03.02), b'dana li l-prova dejjem taqa' fuq ir-rikorrent."

*Fis-sentenza* ***Emanuel L. Micallef v. Victor Camilleri*** *(Ċit Nru. 3385/1996, Prim' Awla, 11.10.02) il-Qorti ikkwotat silta mis-sentenza* ***Vincent Borg vs Victor Camilleri et****, Vol. LXXVIII.ii.372:*

"Il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax taġixxi taħt il-liġi ta' l-istampa. Kemm il-darba mill-kontenut tal-artikolu joħroġ ċar min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-ġurnal huma azzjonabbli u responsabbli għad-danni kemm il-darba jirrizulta li ngħatat malafama."

*Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb et v. Alfred Briffa*** *(Ċit. Nru. 1038/98 AJM, PA deċiża 13.03.2002) intqal illi:*

"Biex ikun hemm malafama huwa neċessarju li jew il-persuna tkun identifikabbli b' isimha jew għal anqas din tkun identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali".

34. *Fuq dan il-punt però il-Gatley (fn. 50* The Law and Practice Of Libel and Slander, *2d Ed. p. 119 et. Seq.. (1929)) jgħid hekk:*

"It is not necessary that the plaintiff should be actually referred to by name. Provided that the words complained of would be understood by reasonable people to refer to the plaintiff-and this is the test in every case (fn. 51 Hulton J; Co. v. Jones, 2 K. B. 444 (C.A.); [1910] A.C. 20 (H.L.)), it is sufficient if he be described by his initial letters, (fn. 52 Roach v. Garvan (1742), 2 Atk. 469; O'Brien v. Clement (1846), 16 M. & W. 159) or by the first and last letters of his name,(fn. 53 Hurt's Case (1714), selwyn's N.P. (13th ed.), 989) or even by asterisks/or blanks, (fn. 54 Bourke v. Warren (1826), 2 C.& P.307., Levi. v. Milne (1827), 4 Bing, 195) or if he be referred to under the guise of an allegorical, historical, fictitious, or fanciful name, (fn. R. v. Clerk (1729), 1 Barn. 304) or by means of a description of his physical peculiarities, (fn. 56 l-Anson v. Stuart (1787), 1 T.R 748) or the places which he has visited on his travels.(fn. 57 Harrison v. Smith and Others (1869), 20 L.T. 317) The test of whether words that do not specifically name the plaintiff refer to him or not is this: Are they such as reasonably in the circumstances would lead persons **acquainted with the plaintiff** (enfasi miżjuda) to believe that he was the person referred to?"

*Il-Gatley jikkwota ukoll sentenza oħra (fn. 58 Bourkie v. Warren (1826), 2 C. & P) fejn intqal is-segwenti:*

"The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. It is not necessary that all the world should understand the libel; it is sufficient if those who know the plaintiff can make out that he is the person meant''.

*Lord Alverstone fis-sentenza Jones v. Hulton & Co. [1909] qal ukoll illi:*

"There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained; and it makes no difference whether the writer of the article inserted the name or description unintentionally or by accident, or believing that no person existed corresponding with the name or answering the description. If upon the evidence the jury are of opinion that ordinary sensible readers, knowing the plaintiff, would be of opinion that the article referred to him, the plaintiff's case is made out."

35. *Il-Qorti tikkondividi l-insenjament tal-awturi u ġuristi Ingliżi u ċioe tqis li għall-kuntrarju ta' dak li ġieli rritenew il-Qrati tagħna, mhuwiex neċessarju għall-finijiet ta' din il-kawża illi l-persuna suġġett għal malafama ikun identifikabbli mill-pubbliku*

*in ġenerali iżda ikun biżżejjed li din il-persuna tal-inqas tkun identifikabbli mill-persuni li jkunu jafuha.*

36. *Fuq dan il-punt ir-rikorrent jisħaq inkluż fin-nota finali tiegħu illi n-nies kienu jafu li l-paġna ta' Facebook tal-Father's Rights Movement Malta kienet immexxija minnu u li:* "huwa ċar li r-rikorrent jista' jiġi identifikat bħala l-fundatur u l-amministratur tal-paġna fuq Facebook anke b'riċerka minima, eżempju search fuq l-internet (a fol 27 tal-proċess) ..." *Inoltre qal illi din il-Qorti "*għandha faċilment tasal għall-konklużjoni illi persuna ta' intelliġenza medja li setgħet taqra l-kummenti in kwistjoni fuq Facebook Page pubblika kienet bla dubju tasal għal konklużjoni, tent kont tal-kuntest u tal-assjem tal-kummenti, illi l-intimata Vena Agius kienet qiegħda ċarament tindirizza lill-amministratur tal-paġna sabiex tgħaddi messaġġ pubbliku..."

37. *L-intimata min-naħa tagħha ssostni fin-nota finali tagħha illi "*imkien ma jissemma isem l-attur u lanqas ma hemm indikati xi karatteristiċi tiegħu li jistgħu jaslu biex jidentifikawh". *Tgħid ukoll illi:*

> "Bħala prova biex juri Ii wieħed seta' faċilment jistabbilixxi li l-attur kien l-amministratur ta' din il-paġna, jeżebixxi r-riżultati ta' tfittxija fuq Google tal-frażi "fathers' rights movement foundation malta" Ii fosthom hemm riżultat wieħed biss mill-2015 li jidentifika lill-attur bħala l-fondatur tal-moviment. Però din il-prova turi biss li kien il-fondatur fl-2015, u mhux li kien l-amministratur tal-paġna aktar minn sentejn wara. Barra minn hekk, sabiex jitla' dan ir-riżultat, wieħed irid jagħmel tfittxija speċifika tal-kliem "fathers' rights movement foundation malta" u joqgħod iqalleb fost il-ħafna riżultati: xi ħaġa li persuna ordinarja żgur ma tagħmilx"

*Tgħid ukoll illi l-uniċi nies li setgħu fehmu għal min kienet qed tirreferi fil-kummenti tagħha huma biss dawk li jafu lir-rikorrent personalment u li jafu ukoll li hu qed imexxi l-paġna tal-Father's Rights Movement. F'dan ir-rigward l-unika żewġ persuni li ressaq ir-rikorrenti bħala xhieda kienu l-kollega tax-xogħol tiegħu li kienet mistiedna minnu stess biex tkun* follower *fuq il-paġna tiegħu u l-*partner *tiegħu.*

*Tgħid ukoll illi għalkemm tirrikonoxxi illi għal xi ġuristi Ingliżi huwa biżżejjed jekk nies viċin ir-rikorrent ikunu fehmu li l-kummenti jagħmlu riferenza għalih, madanakollu tqis li f'dan il-każ huwa grupp żgħir ħafna ta' nies li setgħu jifhmu għal min kienet qed talludi l-intimata, u ċioe l-kollega tiegħu tax-xogħol u l-*partner *tiegħu, li lkoll ma jistgħux jitqiesu sempliċiment bħala* acquaintainces.

38. *Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sottomissjonijiet tal-intimata. Ma jistax jingħad illi tressqu provi suffiċjenti illi persuni viċin tar-rikorrent setgħu jagħrfu illi l-kummenti kienu qed jalludu għalih. Ibda biex, tali persuni riedu jkunu jafu mhux biss illi huwa*

*kien l-amministratur tal-paġna tal-Father's Rights Movement iżda ukoll illi Veneranda Agius hija n-nanna materna tat-tifel tiegħu u li għalhekk kienet qed tikkummenta fil-konfront ta' missier in-neputi tagħha. Ix-xhieda ta' kollega tax-xogħol u tal-*partner *tar-rikorrent m'humiex prova biżżejjed illi l-acquaintainces tar-rikorrent setgħu jidentifikawh bħala s-suġġett tal-kummenti. Il-Qorti tħoss illi ġaladarba l-paġna għandha 'l fuq minn mitejn u ħamsin* followers *ir-rikorrent kellu xelta biżżejjed sabiex jressaq xhieda oħra f'dan ir-rigward.*

39. *Lanqas ma taqbel il-Qorti mal-interpretazzjoni li għamel ir-rikorrenti tal-kliem ta' Anthony Cauchi, persuna li għal diversi drabi kkummentat b'risposta għall-kummenti tal-intimata. Ir-rikorrenti saħqet illi meta fis-27 ta' Novembru 2017 is-Sur Cauchi tenna l-kliem: "*Vena I do know who you are referring to here…*" (fn. 59 fol 3) dan ried ifisser illi huwa kien jaf għal min kienet qed tirreferi l-intimata fil-kummenti tagħha. Il-Qorti però tara li kif sew sostniet l-intimata fin-nota finali tagħha mill-kuntest sħiħ tal-kummenti ta' Anthony Cauchi u anke lingwistikament dan ma kien xejn għajr żball fis-sens illi Cauchi ried anzi jgħid* "I don't know" *u mhux* "I do know". *Del resto jidher mhux biss illi l-kummenti ta' Cauchi fihom diversi żbalji oħra fl-ortografija iżda iżjed minn hekk minn kummenti oħra tiegħu, bħal per eżempju l-kumment tiegħu tal-istess ġurnata (fn. 60 fol 4) fejn isaqsi* "could I ask what this as all about please Vena *Agius?", huma indikazzjoni ċara illi dan il-persuna ma kienx jaf għal min qed tirreferi l-intimata. Il-Qorti tirrimarka ukoll illi tant kemm kienu kontinwi il-battibekki (kummenti u risposti) bejn Anthony Cauchi u Vena Agius illi qarrej ta' intelliġenza ordinarja faċilment seta' jifhem illi din kienet kwistjoni personali bejn dawn iż-żewġ persuni iżjed milli xi ħaġa oħra.*

40. *Għalhekk, fin-nuqqas ta' dan l-element tant importanti, l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax treġi fil-konfront tal-intimata".*

## <u>**L-Appell**</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-18 ta' Frar, 2022, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

> *"...jogħġobha tilqa' l-aggravji u l-appell tiegħu, u tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Jannar 2022 billi wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata appellata, tilqa' t-talbiet attriċi – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma li l-ewwel Qorti applikat u nterpretat ħażin il-liġi u l-każistika awtoritattiva fuq il-mertu tal-każ fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-vittma tal-libell, u anki ghamlet evalwazzjoni skorretta tal-provi meta waslet għall-konklużjoni li ma kienx hemm libell skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama għaliex kien numru żgħir ta' nies biss li fehmu li l-kummenti kienu dwar l-appellant innifsu.

7. L-appellata wieġbet fis-6 ta' Ġunju, 2022 fejn issottomettiet li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fir-risposta tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha.

9. L-appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-liġi u tal-każistika awtoritativa dwar il-mertu tal-każ odjern, iżda wkoll għamlet evalwazzjoni ħażina tal-provi meta ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda libell *ai termini* tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stante li kien biss numru żgħir ta' nies li fehmu li l-kummenti kienu diretti lejh. Jirrileva li fid-deċiżjoni u fl-*iter* tagħha, l-ewwel Qorti tajjeb irrilevat li llum huwa stabbilit li mhux neċessarju li l-pubbliku in ġenerali kollu jifhem dwar min tkun qegħda ssir l-allegazzjoni malafamanti, iżda huwa suffiċjenti li ftit persuni biss jifhmu min hija dik il-persuna. Jgħid li l-ewwel Qorti ċċitat l-awtur Ingliż Gatley, u l-

appellant jgħaddi sabiex jiċċita dak li qalet dik il-Qorti sussegwentement. Jirrileva li madankollu l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li ma kienx biżżejjed sabiex it-talbiet tal-appellant jintlaqgħu li xehdu biss żewġ persuni, jiġifieri l-*partner* tiegħu u l-kollega tiegħu fuq ix-xogħol, fejn dawn ikkonfermaw li huma kienu fehmu sew li l-kummenti malafamanti kienu diretti lejn l-appellant. L-appellant jikkontendi li b'hekk l-ewwel Qorti kienet applikat il-liġi ħażin billi warbet l-insenjament tal-Qrati Ingliżi u anki tal-Qrati Maltin, kif ukoll ta' ġuristi awtoritattivi fuq il-mertu bħal Gately, fejn huwa aċċettat li huwa sufficjenti li l-pubblikazzjoni malafamanti tkun mifhuma minn terza persuna waħda sabiex il-kawża tirnexxi. L-appellant isostni li l-Qrati tagħna sabu wkoll li anki messaġġi privati mibgħuta fuq *Facebook Messenger* jistgħu jkunu libellużi u malafamanti meta dawn jintbagħtu lil terzi persuni u jkunu foloz u malafamanti. Huwa jagħmel riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza tagħha deċiża fit-18 ta' Jannar, 2018 fl-ismijiet **Brannon *vs.* Bajada** (rik. nru. 85/17FDP) in sostenn tal-argument tiegħu. Jgħid li huwa ressaq tliet xhieda li kienu fehmu li l-kummenti malafamanti kienu diretti lejh. Iżda l-ewwel Qorti skartat ix-xhieda tal-ewwel xhud Anthony Cauchi għaliex qieset li l-kumment tiegħu fuq *Facebook* kien fih żball ortografiku. Jgħid li madankollu kien għad hemm żewġ xhieda oħra li ma ġew kontradetti bl-ebda mod matul il-proċeduri. Huwa jagħmel riferiment għall-massima *verba volant scripta manent,* u jargumenta li ġaladarba jsiru akkużi fuq *Facebook* u l-*internet,* dawn jistgħu jiġu maqsuma ma' ħaddieħor u riprodotti mingħajr l-ebda restrizzjoni u mingħajr il-konsapevolezza tiegħu, u b'dannu personali għar-reputazzjoni tiegħu. Jgħid li huwa diffiċli li wieħed jifhem kif l-ewwel Qorti setgħet tasal għall-konklużjoni li kollega fuq il-post tax-xogħol ma

tikkostitwixxiex '*acquaintance',* u l-fatt li meta din bħala kollega taqra materjal malafamanti serjissimu dwar vjolenza domestika, ma kienx iwassal għal danni morali u nġurja lejn ir-reputazzjoni tal-appellant. Jikkontendi li l-fatt li huwa ressaq biss tliet xhieda, ma kienx ifisser li ma kien hemm ħadd iktar li seta' fehem il-pubblikazzjoni malafamanti. L-appellant jagħmel emfażi fuq il-fatt li din saret fuq il-paġna tal-*Facebook* tiegħu tal-*Father's Rights Movement,* fejn ġie allegat li huwa bħala fundatur tal-istess għaqda kien missier abbużiv fil-konfront tat-tifel u tal-*ex* sieħba tiegħu. Jisħaq li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti, li ma kienx suffiċjenti sabiex tirnexxi l-azzjoni li jitressqu tliet xhieda biss, fejn saħansitra xhud wieħed ġie skartat, hija waħda erronja u żbaljata u tikkontradixxi l-insenjament kollu tal-ġuristi u awturi dwar dan l-element. Imma l-appellant jaċċetta li n-numru ta' nies li fehmu l-kummenti malafamanti, kellu ċertament jittieħed in konsiderazzjoni meta jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni morali.

10. L-appellata tilqa' billi tissottometti li l-appellant hawnhekk qed ipoġġi flimkien żewġ kunċetti differenti, u li huma: (i) biżżejjed li l-pubblikazzjoni malafamanti tasal għand terza persuna waħda; u (ii) il-persuna malafamata trid tkun identifikata. Tgħid li filwaqt li l-ewwel element ġie sodisfatt għaliex l-kummenti mpunjati tpoġġew fuq paġna pubblika fuq is-sit soċjali *Facebook,* it-tieni element ma kienx jirriżulta għaliex l-appellant mhuwiex identifikabbli kif tirrikjedi l-liġi. Tibda billi tirrileva li l-kummenti in kwistjoni saru fuq paġna tal-*Facebook* intestata *Father's Rights Movement Malta,* li mhijiex paġna personali tal-appellant, u fuqha ma jidhirx ismu jew xi ritratt jew xi ħaġa oħra li tista' tidentifikah. L-appellata tissottometti li l-istess seta' jingħad fir-rigward ta' dak li hija tellgħet fuq *Facebook,* fejn imkien ma jissemma isem l-appellant, u lanqas kien hemm indikat xi karatteristiċi tiegħu li permezz tagħhom huwa seta' jiġi

ddentifikat. L-appellata tirrileva li bħala prova tal-identità tiegħu, l-appellant kien esebixxa r-riżultati ta' tfittxija fuq *Google* tal-kliem *Father's Rights Movement Foundation Malta,* fejn madankollu tela' riżultat wieħed biss mill-2015 fejn huwa ġie identifikat bħala fundatur. Tkompli tgħid li din il-prova turi biss li l-appellant kien il-fundatur fl-2015, u mhux li kien amminstratur tal-paġna aktar minn sentejn wara. Barra minn hekk, sabiex jitla' dan ir-riżultat, wieħed irid jagħmel tfittxija speċifika u jqalleb fost il-bosta riżultati, li ċertament hija xi ħaġa li persuna ordinarja ma tagħmilx. Għar-rigward tal-prova li ressaq l-appellant ta' tliet individwi li fehmu dak li kitbet hi, tgħid li l-ewwel wieħed Anthony Cauchi ma tressaqx bħala xhud u għalhekk kull kumment tiegħu fuq *Facebook* ma setax jittieħed bħala prova sodisfaċenti dwar l-identifikazzjoni tal-appellant, u fi kwalunkwe każ mill-kuntest sħiħ tal-kitba tiegħu, jirriżulta li huwa ma kienx jaf lil min kienet tikkonċerna l-kitba tagħha. L-appellata tissottometti li l-appellant ressaq ukoll żewġ xhieda oħra, Mary Gauci u Lara Meilak, sabiex juri li persuna ordinarja setgħet faċilment tidentifikah, iżda tgħid li dawn mhumiex persuni 'ordinarji' fis-sens tat-tifsira f'kuntest ta' libell. Tispjega li dawn il-persuni kienu qrib sew tal-appellant, tant li kienu jafu wkoll li huwa jmexxi l-paġna tal-*Father's Rights Movement.* Tirrileva li Mary Gauci hija kollega tiegħu li huwa stess kien ikkomunika magħha l-fatt li kellu din il-paġna fuq *Facebook,* filwaqt li Lara Meilak hija l-*partner* tiegħu li kienet taf bl-istorja tiegħu. L-appellata tissottometti li l-Qrati tagħna wrew diversi drabi l-fehma tagħhom dwar l-identifikazzjoni tal-attur f'kawża ta' libell, u skont il-prinċipju ġenerali, dan mhux neċessarjament ikun issemma b'ismu, iżda għandu jkun ċar f'moħħ il-qarrej ordinarju li l-artikolu qed jagħmel riferiment għalih. Hawnhekk hija tiċċita diversi sentenzi tal-Qrati tagħna, u anki silta mis-sentenza ta' din il-

Qorti tat-12 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet **George Buttigieg *vs.* Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre**. L-appellata hawnhekk tagħmel riferiment ukoll għal dak li jgħid l-awtur Ingliż Gatley fir-rigward, u tirrileva li skont l-ewwel Qorti dawn iż-żewġ persuni ma kienux jikkwalifikaw bħala *'persons acquainted with the plaintiff'* fejn saħansitra huma kienu jafu 'il-kuntest ukoll'.

11. Jonqos issa li l-Qorti tikkunsidra dak li qalet l-ewwel Qorti dwar dan il-punt. Din qabel xejn għamlet riferiment għal dak li qalu l-awturi Ingliżi Jones & Benson fir-rigward tal-prova neċessarja sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' malafama, jiġifieri li l-attur huwa identifikabbli, kif ukoll għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna inkluż is-sentenza ta' din il-Qorti deċiża fit-12 ta' Ġunju, 2020 fl-ismijiet **George Buttigieg *vs.* Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre**. Imbagħad għaddiet sabiex filwaqt li rrikonoxxiet li l-Qrati tagħna mhux l-ewwel darba li iddikjaraw il-kuntrarju, stqarret li hija kienet tikkondividi l-insenjament tal-awturi u tal-ġuristi Ingliżi, li mhuwiex neċessarju għall-finijiet tal-kawża odjerna li l-persuna suġġetta għall-malafama tkun identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali, iżda biżżejjed li tal-inqas din tkun identifikabbli mill-persuni li jkunu jafuha. Hawn hija għamlet ukoll riferiment għal dak li qal Lord Alverstone fis-sentenza **Jones v. Hulton & Co.** [1909], fejn din il-Qorti tixtieq taċċenna għas-segwenti bħala tassew rilevanti fil-kuntest ta' dan l-appell:

> *'There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained".*

*12.* Filwaqt li għamlet riferiment għal dak li kienu qegħdin jikkontendu l-partijiet rispettivament, l-ewwel Qorti ddikjarat li hija kienet taqbel mas-

sottomissjonijiet tal-appellata. Din il-Qorti ma ssibx raġuni għaliex għandha tiċċensura l-pożizzjoni meħuda mill-ewwel Qorti, li ġustament ikkunsidrat li ma kienux tressqu provi biżżejjed li persuni viċin l-appellant setgħu jagħrfu illi l-kummenti kienu diretti lejh.

13. Qalet li dawn il-persuni kellhom ikunu jafu qabel xejn li l-appellant kien l-amministratur tal-paġna *Father's Rights Movement,* u din il-Qorti żżid tgħid li l-appellant hawn naqas milli jressaq prova ta' dan il-fatt. Barra minn hekk huwa baqa' lura milli jwieġeb personalment għall-kummenti tal-appellata fejn għalhekk żdiedet il-probabbilità li l-identità tiegħu tibqa' mistura. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll li l-imsemmija persuni viċin l-appellant, kellhom ikunu jafu wkoll li l-appellata hija n-nanna materna tat-tifel tiegħu, u li din kienet qegħda titkellem fil-konfront ta' missier l-istess tifel neputi tagħha. L-ewwel Qorti tajjeb ikkunsidrat li x-xhieda ta' kollega tax-xogħol u tas-sieħba tar-rikorrent, ma tikkostitwixxix prova suffiċjenti li l-*'acquaintances'* tar-rikorrent setgħu jdentifikawh mill-kummenti magħmula. Qieset li meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-paġna kellha 'l fuq minn mitejn u ħamsin *followers*, l-appellant kellu għażla tajba sabiex jipproduċi xhieda ulterjuri. Il-Qorti tirrileva li huwa rilevanti f'dan il-kuntest dak li qal l-appellant fix-xhieda tiegħu waqt l-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 li *"Naf żgur li kien hemm minnhom li huma ħbieb tiegħi. Uħud minnhom kienu familjari tiegħi..."*.[1] Il-Qorti tqis ir-rilevanza qawwija ta' dan il-fatt li jdgħajjef ferm il-kontenzjoni tal-appellant, għaliex jitfa' dubju qawwi fuq kemm il-kummenti tal-appellata tassew kienu libellużi fil-konfront tiegħu *ai termini* tal-liġi, u għad li setgħu laħqu numru sostanzjali ta' nies li kienu jafuh, ma ttella'

[1] *A fol.* 86.

ħadd minnhom bħala xhud, ħlief il-*partner* tal-appellant u kollega tiegħu, li mhumiex *'acquaintances'* imma nies qrib ħafna tiegħu, biex jikkonfermaw li dawk il-kummenti kienu diretti lejn l-appellant.

14. L-ewwel Qorti kkunsidrat ukoll l-interpretazzjoni tal-appellant tal-kliem ta' Anthony Cauchi li kien wieġeb diversi drabi l-kummenti tal-appellata, u qablet ma' din tal-aħħar li meħud il-kuntest sħiħ, jidher li kien hemm żball fi kliemu u fil-fatt ried jgħid "I don't know" u mhux "I do know". Hekk ukoll jidhrilha din il-Qorti. L-ewwel Qorti rrilevat li kien jidher li kien hemm diversi żbalji fil-kummenti ta' din il-persuna, u kliemu kienu jixhdu li huwa tassew ma kienx jaf għal min l-appellata kienet qegħda tirreferi. L-ewwel Qorti ġustament żiedet tgħid li l-battibekki bejn l-istess Anthony Cauchi u l-appellata, tant kemm kienu kontinwi, li qarrej ta' intelliġenza ordinarja seta' faċilment jifhem li din saħansitra kienet kwistjoni personali ta' bejniethom. Din il-Qorti ikkonstatat ukoll dan il-fatt, għaliex fil-fehma tagħha l-kummenti tal-appellata ma jistgħux u lanqas setgħu dak iż-żmien jinftehmu li huma diretti lejn l-appellant, u għalhekk l-azzjoni tiegħu hija monka minn rekwiżit essenzjali tagħha. L-ewwel Qorti għal dawn ir-raġunijiet spjegati minnha, ikkonkludiet li fin-nuqqas tal-element mistħarreġ minnha, jiġifieri li l-appellant huwa identifikabbli, l-azzjoni tiegħu ma setgħetx treġġi fil-konfront tal-appellata.

15. Il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, u fid-dawl tas-sentenza studjata tagħha, ma ssib xejn x'iżżid magħha. Għaldaqstant ma ssibx l-aggravji tal-appellant ġustifikati, u tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**